# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 649/96**

**Numru 29**

**Antonia Attard Gialanze**

**vs**

**Maria u Victor konjugi Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attrici s-somma ta' erba mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' merca lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u l-imghax. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-istess konvenuti li biha eccepew (a fol 6 tal-atti):

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. In linea preliminari l-azzjoni llum hija preskritta bit-trepass ta' aktar minn hames snin kif ikkontemplat mil-ligi sewwasew fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap 16).

2. Illi fi kwalsiasi kaz il-konvenut Victor Cassar ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa qatt m'ghamel ebda negozju mal-attrici.

3. Illi fil-meritu l-eccipjenti m'ghandhom jaghtu ebda ammont ta' flus lill-attrici, anzi hija l-istess attrici li ghandha taghti lill-esponenti Maria Cassar ammont ta' flus talli serqita u nnganta meta bieghhietilha oggetti tad-deheb u zammitiliha prezz ta'18-il karat meta fil-fatt ikkonsenjatilha oggetti ta' 9 karati biss.

Illi dwar dan il-fatt l-esponenti Maria Cassar gia istitwit proceduri kriminali kontra l-attrici kif ukoll proceduri ohra quddiem it-tribunal tal-protezzjoni tal-konsumatur.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretis huwa tabilhaqq esagerat kif ser ikun pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salve eccezzjonjiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Rat ukoll dak verbalizzat a fol 21 tal-atti minn fejn jidher li l-konvenuti rrilevaw dwar l-ewwel eccezzjoni, "li (hi) applikabbli l-preskrizzjoni specifikata fl-artikolu <u>2148(b)</u> tal-Kodici Civili".

Semghet it-trattazjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-istess eccezzjoni xehdet biss <u>l-attrici</u> f'diversi seduti, liema attrici esebiet ukoll dokumenti rilevanti ghall-istess eccezzjoni.

<u>Fis-seduta tat-30 ta'Jannar 1997</u> (a fol 9 et seq ibid) hi bdiet billi tghid li "xi zmien ilu" kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenuta oggetti tad-deheb bil-prezz ta' Lm1000 jekk mhux aktar mill-liema prezz kien hemm ghadu dovut Lm360 bl-ahhar pagament jsir mill-istess konvenuta fl-1994. In rigward dan, l-attrici specifikat li, in konnessjoni ma klijenti li jkunu jhallsu b'rati u mhux mal-kunsenja, hi kienet tindika il-pagamenti kollha li jkunu saru <u>bid-dati relattivi ghal kull pagament fuq registru</u>. Dan kien sar, ukoll, fil-kaz in

desamina u l-attrici specifikat li hawnhekk, l-ahhar pagament kien gie effettwat mill-konvenuta fl-10 ta' Gunju 1994. Inoltre l-attrici ddeskriviet lill-konvenuta bhala irregolari fil-pagamenti bhala wahda li tirrisjedi f'diversi postijiet u, tista tghid, li trid tmur tfittxha sabiex thallas ir-rati. In rigward x'kien gara bejn din id-data u l-1 ta' Awissu 1996 meta gie intavolat l-avviz in esami, l-attrici spjegat "li kont qieghda nfittex lill-konvenuta".

Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1997 (a fol 15 et seq ibid) u in konnessjoni mad-dokument anness mal-avviz a fol 1A tal-atti u redatt mill-istess attrici, din esebiet vera fotokopja ta' faccata mill-imsemmi registru, liema dokument specifikatament jirreferi ghall-konvenuta, flimkien ma dokumenti ohrajn, in fotokopja ukoll, minn fejn jidher li l-ahhar pagament li sar mill-konvenuta kien fit-28 ta' Lulju 1994. Inoltre il-bilanc ghadu dovut jammonta ghal Lm470. Id-dokument a fol 19 tal-atti ossija il-fotokopja li saret mir-registru imsemmi vis-a-vis il-konvenuta, hemm imnizzla d-data tal-14 ta' Ottubru 1990, presumibilment id-data tal-bejgh u konsenja tal-oggetti tad-deheb in kwistjoni lill-konvenuta.

Fl-ahhar nett, fis-seduta tal-1 ta' Gunju 1999, l-attrici regghet xehdet in konnessjoni mal-fotokopji, gja msemmija, li saru mir-registru mizmum mill-istess attrici.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, ghalhekk, jidher li l-ahhar pagament li sar mill-konvenuta kien fit-28 ta' Lulju 1994 waqt li bejn din id-data u dik tal-presentata tal-avviz in esami cjoe l-1 ta' Awissu 1996 iddekorrew, press a poco, sentejn, f'liema perijodu l-attrici ma ippresentat l-ebda att gudizzjarju sabiex tinterrompi il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz cjoe dak stipulat fl-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili specifikatament tmintax il-xahar.

Illi minn dan jidher li l-azzjoni in esami tinsab preskritta bid-dekorrenza ta' dan il-perjodu ta' preskrizzjoni waqt li, certament, ma hix applikabbli l-eccezzjoni originali li kienet tirreferi ghall-perijodu preskrittiv ta' hames snin.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala preskritta u estinta taht l-artikolu 2148(b) hawn fuq citat, bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

Alan Calleja
Dep.Reg